Qorti ta' l-Appell

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 11/2014

**Dimitar Nikolov [SA 059756A]**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016

Permezz ta' applikazzjoni datata 20 ta' Settembru 2012, Dimitar Nikolov, cittadin Bulgaru li jghix u jahdem f'Malta bhala *self-employed*, applika ghall-ghajnuna socjali minhabba li fil-11 ta' Settembru 2012 saritlu operazzjoni f'qalbu u sahhtu ma kinitx tippermettilu li jahdem ghall-perjodu ta' tlett xhur[1]. B'decizjoni tal-20 ta' Dicembru 2012 id-Direttur tas-Sigurta' Socjali rrifjuta l-applikazzjoni ghall-beneficcji socjali ghar-raguni li:

***"you have a registration certificate, which means that you have sufficient reasources to avoid becoming a burden on the Social Assistance System in Malta during your period of residence (L.N.192 of 2007)".***

Nikolov appella minn din id-decizjoni quddiem l-arbitru li min-naha tieghu fl-1 ta' April, 2014, iddecieda li "*... the appeal of the appellant is being accepted and the decision of the Director of Social Security is hereby being overturned*". L-Arbitru bbaza d-decizjoni fuq 'il fatt li:-

i. Regolament 3 tal-Avviz Legali 191 tal-2007 *(Ligi Sussidjarja 460.17, Ordni dar il-Moviment Liberu ta' Cittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji taghhom)*, jipprovdi li cittadin tal-Unjoni Ewropea ghandu jgawdi trattament ugwali ma' cittadini Maltin.
ii. Minn dokumenti li pprezenta d-Dipartiment, kien irrizulta li Nikolov kellu certifikat ta' registrazzjoni skond l-istess ligi sussidjarja u kien ottempera ruhu mal-proviso tar-regolament 3.

[1] Ittra mir-rapprezentant ta' Dimitar Nikolov datata 22 ta' Dicembru 2012.

Minn din is-sentenza appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali fejn ilmenta mill-apprezzament tal-provi u l-mod kif gie interpretata l-ligi.

L-appellat wiegeb li r-regolament 11 ma japplikax ghalih u li l-arbitru kien korrett li ddecieda l-vertenza a bazi tal-Artikolu 3 ta' din il-legislazzjoni sussidjarja.

**<u>Aggravju tal-appellant</u>.**

L-appellant isostni li r-regolament 3 ta' dan l-Avviz Legali ma jistax jittiehed barra mill-kuntest shih u ghandu jigi nterpretat fil-qafas ta' artikoli ohra partikolarment regolament 7 li jezigi li wara tlett xhur mill-wasla tieghu hawn Malta cittadin tal-Unjoni Ewropea u l-familja tieghu ikun jehtigilhom jottjenu certifikat ta' registrazzjoni; kif ukoll l-Artikolu 11 (1) li jistipula zewg kundizzjonijiet kumulattivi li jridu jigu rispettati sabiex cittadin tal-Unjoni Ewropea jkun jista' joqghod Malta, u cioe' li:

i. ikollu bizzejjed rizorsi ghalih innifsu, ghall-familja tieghu sabiex jizguraw li dawn ma jkunux piz fuq is-sistema ta' assistenza socjali hawn Malta;
ii. u li hu u l-membri tal-familja tieghu jkunu koperti b'assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard f'Malta.

Dan apparti r-rekwiziti mehtiega a tenur tar-regolament 11(4) ghall-hrug tac-certifikat ta' registrazzjoni.

L-appellant isostni li ladarba l-appellat kien ikkwalifika u nghata c-certifikat ta' registrazzjoni, kien issodisfa l-kundizzjoni li turi li huwa ghandu rizorsi bizzejjed biex ma jkunx piz fuq l-Istat Malti ghal dak li jolqot ghajnuniet socjali. L-appellant argumenta:

*"15. Illi dan kollu juri li sabiex persuna tikkwalifika ghal dan ic-certifikat ta' registrazzjoni, jridu jigu sodisfatti kundizzjonijiet li juru li l-persuna ghandha rizorsi bizzejjed sabiex ma tkunx piz fuq is-sistema ta' assistenza socjali f'Malta u jidher li l-appellat ikkwalifika ghal dan ic-certifikat ta' registrazzjoni u ghalhekk jidher li kellu bizzejjed rizorsi ghalih u ghall-familja tieghu u kif ukoll kien assigurat ghall-mard flimkien mal-familja tieghu.*

*16. Illi kien ghalhekk li korrettement id-direttur iddecieda kontra l-applikazzjoni tieghu ghall-ghajnuna socjali ghaliex din taqa' fl-iskemi non-kontributorji".*

Il-pern ta' din il-vertenza hi l-interpretazzjoni korretta tal-provvedimenti tal-Avviz Legali 192 tal-2007 (L.S.460.17) li gie promulgat biex igib fis-sehh fil-ligi Maltija l-provvedimenti tad-Direttiva 38/2004 *"On the right of citizens of the Union and their family members to move and reside freely within the territory of the Member States"*.

Il-qorti tosserva li:-

1. Dimitar Nikolov hu cittadin tal-Unjoni u qabel marad kien jahdem ghal rasu;

2. Direttiva 38/2004 taghmel distinzjoni bejn kategoriji differenti, u cjoe' haddiema, impjegati ghal rashom, student u persuni inattivi bhal per ezempju nies irtirati.

3. Ir-regolament 11 tal-Ligi Sussidjarja 460.17, li fuqu jidher li l-appellant ibbaza l-appell tieghu, japplika ghal kaz ta' persuni inattivi. Min-naha l-ohra ghal persuni li jahdmu ghal rashom japplika r-regolament 9.

4. M'hemmx prova li l-appellat Nikolov inghata c-certifikat ta' residenza a bazi tar-regolament 11. F'kull kaz 'il fatt li l-appellat inghata certifikat ta' registrazzjoni, ma jeskludihx mid-dritt li japplika u jinghata l-assistenza socjali f'Malta. Skond regolament 2, certifikat ta' registrazzjoni jinghata lil cittadin tal-Unjoni *".... bhala prova tad-dritt li detentur ikollu li jirrisjedi f'Malta fid-data tal-data tal-hrug"*. Hu minnu li sabiex jinghata tali certifikat lill-persuni li ghalihom japplika r-regolament 11, ghandha tinghata prova li c-cittadin tal-Unjoni jkollu rizorsi bizzejjed ghalih innifsu u ghall-membri tal-familja tieghu, *".... sabiex dawn ma jkunux ta' piz fuq is-sistema ta' assistenza socjali f'Malta matul il-perjodu ta' residenza taghhom"*. Pero' m'hemmx regolamenti li tali persuni m'ghandhomx jedd ghal assistenza socjali. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

   i. Regolament 3 jipprovdi li cittadin tal-Unjoni ***"....ghandu jgawdi trattattament ugwali ma' cittadini Maltin fl-iskop tat-Trattat"***. Dan hu l-principju generali. Il-kliem *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni…"*, m'huwiex rilevanti gialadarba m'hemmx regolament li jeskludi l-jedd ghall-assistenza socjali minhabba li c-cittadin tal-Unjoni jkun inghata certifikat ta' registrazzjoni.

   ii. Ir-rekwiziti elenkati fir-regolament 11(4) tal-Ligi Sussidjarja 460.17, jirreferu ghal sitwazzjoni finanzjarja tac-cittadin fiz-zmien li tkun qeghda tigi proccessata l-applikazzjoni ghall-hrug ta' certifikat u mhux ghal qaghda finanzjarja tieghu wara li jkun inhareg ic-certifikat. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' persuna tevolvi biz-zmien.

   iii. Tant cittadin tal-Unjoni ghandu jedd ghal assistenza socjali rrispettivament taht liema kategorija jaqa', li l-*proviso* ghar-regolament 3(1) jipprovdi: *"Izda wkoll cittadin tal-Unjoni ma jkollux jedd ghal assistenza socjali matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza jew, meta jkun adatt, il-perjodu itwal imsemmi fis-subartikolu (4) hlief ghal haddiema, persuni li jahdmu ghal*

*rashom, persuni li jkollhom dak l-istatus u membri tal-familja taghhom….".* Hu f'perjodu limitat li ma jezistix jedd ghal assistenza socjali, li pero' ma japplikax ghal certu kategoriji ta' nies.

iv. Tant hu minnu li fil-principju jezisti jedd ghal assistenza socjali li r-regolament 13 jipprovdi ghal rimedju, fis-sens li persuna:-

*"….* ***li ssir piz <u>irragonevoli</u> fuq is-sistema ta' assistenza socjali, tista' titnehha minn Malta****.*

***Izda ordni ta' tnehhija m'ghandhiex tkun konsegwenza awtomatika malli persuna tirrikorri ghas-sistema ta' assistenza socjali f'Malta****".*

Hemm imbaghad kazijiet fejn persuna ma tkunx intitolata ghall-assistenza bhal fil-kaz fejn persuna inattiva tigi tghix Malta bil-ghan li tircievi tali assistenza (ara f'dan ir-rigward sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **E. Dano et vs Jobcentre Leipzig** tal-11 ta' Novembru 2014[2]).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[2] *"A Member State must therefore have the possibility, pursuant to Article 7 of Directive 2004/38, of refusing to grant social benefits to economically inactive Union citizens* ***who exercise their right to freedom of movement solely in order to obtain another Member State's social assistance*** *although they do not have sufficient resources to claim a right of residence".*